MALTA

# QORTI TA' L-APPELL
## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 64/2013

Mary **Psaila**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mary Psaila tal-4 ta' Novembru 2013 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-15 ta' Ottubru 2013 li kkonferma d-decizjoni ta' rifjut fil-fazi ta' screening ta' Tr. No. 145732 'to regularise additions to approved residence' f'fond San Pawl il-Bahar;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li d-decizjoni tat-Tribunal hi gusta u timmerita konferma u illi l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

> Ikkunsidra:
>
> A. L-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar, fil-15 ta' Dicembru 2011, irrifjutat fil-fazi ta' screening l-applikazzjoni ghall-permess tal-izvilupp Tr. No. 145732 – 'Meadows', tal-Ghazzi, Triq tal-Hzejjen, Bidnija, San Pawl il-Bahar: To regularise additions to approved residence.
>
> Ir-raguni ghar-rifjut kienet is-segwenti:

“Please note that the proposed development falls within the development referred to in the Sixth Schedule of the Act since it includes sanctioning of the type of development listed therein. In terms of Article 70 of the Act, it is not permitted to grant permission to retain on land any buildings or works constructed or carried out thereon, or for the continuance of any use of land. Consequently, your submission is being rejected in terms of sub-regulations 3(3) and 3(4) of the Legal Notice.

This screening letter is being issued in terms of the Development Planning (procedures for Applications and their Determination) Regulations, 2010, and all the provisions contained therein shall apply. However, please note that the planning and environmental merits of your submission have not been assessed.”

B. In-nota tal-Perit Robert Musumeci ghall-Appellanti, ipprezentata fil-5 ta’ Jannar 2012, senjatament it-tlett punti segwenti:

“3. Illi bir-rispett kollu, irid jigi sottomess li l-ligi tispecifika dawk ic-cirkostanzi meta ‘m’ghandhiex tigi accettata u pprocessata applikazzjoni’, u dan kif espressament jiddisponi is-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 70 tal-Att X ta’ l-2010, Kap. 504 fejn hemm inter alia provdut:
‘(1) … Izda m’ghandhiex tigi accettata u processata applikazzjoni jew m’ghandux jinghata permess that dan is-subartikou hief jekk min japplika jew il-presdessur tieghu fit-titolu ma jkunx: (a) minnufih li jkun gie mehtieg li jaghmel hekk, waqaf milli jkompli xoghol li jkun gie mehtieg li jwaqqaf; u (b) hallas dawk il-multi jew ghamel dak il-hlas iehor li jkunu dovuti fuq is-sit mertu ta’ l-applikazzjoni.’

4. Illi mill-kwadru cirkostanti jirrizlta l-appellant ma kompliex b’xi xoghol li kien mehtieg li jwaqqaf jew addirittura ma onorax xi hlasijiet jew multi dovuti fuq is-sit mertu ta’ l-applikazzjoni. Kwindi, d-Direttorat ma ghandu ebda jedd ma jaccettax, jew addirittura jipprocessa l-applikazzjoni odjerna.

5. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li inghad fis-suespost, tajjeb jigi rilevat li minkejja li l-appellant ghandu dritt jappella (f’dan l-istadju tal-process) in kwantu dak li qed jigi allegat dwar is-Sitt Skeda li tinsab ma’ l-Att, xejn ma jzomm li tali punt ikun trattat fi stadju ulterjuri, propju waqt il-process ta’ l-applikazzjoni, u dan iktar u aktar meta d-Direttorat ghadu sal-lum ma ipprezenta ebda prova in sostenn ta’ tali allegazzjoni.”

C. In-nota risponsiva ta’ l-Avukat Dott. Anthony DeGaetano ghall-Awtorita’, ipprezentata fil-31 ta’ Jannar 2012, precizament il-punti segwenti:

“Illi fl-ewwel lok waqt li mill-istess screening wiehed jista’ jappella skont l-A.L. 514 tal-2010 Regolament 3 (4) biss a bazi tas-sub-paragrafi (b), (d) u (f) tar-regolament 3 (3), u cjoe` (d) dwar kontestazzjoni ta’ necessita` ta’ studji ulterjuri rikjesti ecc, (f) dwar kontestazzjoni ta’ hlasijiet - it-tnejn mhux konnessi ma’ dan l-appell – u (b) dwar kontestazzjoni jekk l-izvilupp propost ikunx jaqa’ taht is-sitt Seda tal-Kap. 504 jew le – liema tlett kazijiet mhux il-

mertu ta’ dan l-appell, u dan stante l-appell lanqas qed isir mill-kontestazzjoni (cjoe` il-mertu) jekk l-izvilupp jaqax taht l-iskeda sitta, f’dan l-appell – vide dok. RM4 ezebita mill-appellant, id-direttorat taghtu dritt li jappella bil-kliem fuq l-istess dok. RM4 “you have a right to submit an appeal” u dan differentement minn screening letters ohra (vide dok. TD1 u TD2, fejn l-Awtorita` tillimita ruhha li taghti biss li “This screening letter is being issued in terms of this Development Planning (Procedures for Applications and their Determination) Regulations, 2010, and all the provisions contained therein shall apply” – izda stante li f’dan il-kaz specifiku l-Awtorita` taghtu dan id-dritt li jappella, l-istess Awtorita` ma tistax issa tissolleva l-eccezzjoni tan-nullita` tal-appell ghax ma jistax jappella f’din ic-cirkostanza;

X’inhi din ic-cirkostanza:
Issa l-appell qed isir mill-fatt li f’din l-iscreening letter qed jinghad (differentement minn ohrajn bhall-dok. TD2 li wkoll jittratta s-sitt Skeda pero` gie hawn infurmat li permess ma jistax jinhareg a bazi tas-sitt Skeda izda inghatalu “fees due” jekk irid xorta japplika) li lanqas ma tista’ tigi accettata applikazzjoni w difatti ma inghatawlux fees jekk irid jipprocedi b’applikazzjoni w inghad li qed tigi rigettata tali tip ta’ talba w ghalhekk lanqas biss tigi processata;

F’dan il-kuntest l-appellant jaghmel referenza (ghalkemm zbaljata ghas-subinciz (1) tal-Art.70 tal-Kap. 504 – li suppost hi l-proviso tas-subinciz (1) tal-Art. 7.0), li tghid meta m’ghandiex tigi accettata u processata applikazzjoni. Fil-fatt l-Art. 70 (1) ma jghidx “li f’kull kaz li l-Awtorita` ghandha s-setgha taht dan l-Att li taccetta w tipprocessa applikazzjoni, ghajr il-kaz ta’ zvilupp elenkati fis-Sitt Skeda” ..... izda jghid “F’kull kaz li l-Awtorita` ghandha s-setgha taht dan l-Att li taghti permess biex art tigi zviluppata, ghajr fil-kaz ta’ zvilupp elenkati fis-sitt Skeda”, jigifieri bl-invers fis-sitt Skeda l-Awtorita` ma tistax taghti permess fuq applikazzjoni biex tissanzjona zvilupp elenkat taht dik l-iskeda, IZDA ma jfissirx li l-Awtorita` f’dan il-kaz ghandha l-poter li ma taccettax u ma tipprocessax applikazzjoni;

Fil-fatt sa’ Novembru ta’ din is-sena l-Awtorita` (vide dok. TD2) kienet tinforma f’kazi simili fi screening li jekk wiehed jitlob li jissanzjona proprjeta` taht is-sitt Skeda, din ser tigi eventwalment rifjutata izda mhux li lanqas tipprocessa jew li ma thallix tidhol applikazzjoni u dan ghax il-ligi taghmel distinzjoni fejn l-Awtorita` ghandha s-setgha li taghmel wahda jew ohra w il-ligi hekk baqghet.”

Ikkunsidra ulterjorment:

Il-mertu ta’ dan l-appell jirrigwarda proposta sabiex f’ font konsistenti minn residenza li tinsab barra z-zona tal-izvilupp (ODZ) tal-Bidnija, San Pawl il-Bahar, jigu ssanati addizjonijiet u bidliet mill-permess originali.

Fid-dettal, il-font kien originarjament kopert b’ permess (PA 6755/07) sabiex farmhouse dilapidat, isirulhu modifiki, jigi rikostruwiti soqfa sfrundati u jinbnewlu estensjonijiet sabiex jigi konvertit f’ residenza kontemporanja.

Sussegwentement gie approvat permess ulterjuri (PA 3769/08) biex tibena pixxina (inkluzi balance tank u pumproom), giebja ghat-tisqijja u mahzen ghall-ghodda. L-Awtorita' irrifjutat li tkompla tipprocessa l-applikazzjoni sanatorja de quo minhabba l-fatt li din tikkonsisti f'zdiediet fl-bini li saru f' font li qieghed fl-ODZ. It-talba hi ghalhekk f' kunflitt mal-Artikolu 70 u tas-Sitt Skeda tal-Att X tal-2010, li inter alia jghid dan li gej:

"70. (1) F' kull kaz li l-Awtorita' ghandha s-setgha taht dan l-Att li taghti permess biex art tigi zviluppata, ghajr fil-kaz ta' zvilupp elenkati fis-Sitt Skeda, […]"

Il-partijiet tas-Sitt Skeda rilevanti ghal kaz in ezami huma s-segwenti:

"L-applikazzjonijiet li jaqghu taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 70:
1. Applikazzjoni biex tirregolarizza zvilupp li jkun qabez il-footprint approvat jew, izid il-volum tal-bini minn kif approvat […] f' zona li taqa' 'il barra minn zoni tal-izvilupp kif definiti fil-Pjan ta' Struttura jew f'xi pjan iehor; […]

L-Aggravji tal-Appellanti jistriehu fuq il-premessa li fil-hrug tar-rifjut, l-Awtorita' naqset li tispecifika liema kienu l-kunsiderazzjonijiet li ttiehdu dakinhar li ddecidiet li ma tkomplix tipprocessa aktar l-applikazzjoni taghha; u dan kif jiddisponi l-ewwel subinciz ta' l-Artikolu 70 tal-Att X tal-2010 (Kap. 504). Fill-fatt jirrizulta li l-Appellanti qatt ma kienet giet ordnata mill-istess Awtorita' sabiex per ezempju; tieqaf jew twettaq xi zvilupp jew inkella naqset li taghmel xi hlasijiet jew pagamenti li kienu dovuti.

F' ic-cirkostanzi pero', tajjeb li jigi osservat is-segwenti partijiet tar-Regolament 3 tal-Avviz Legali 514 tal-2010, rilevanti ghal kaz in ezami. Dawn huma kif gej:
"3. (1) Ebda applikazzjoni ghall-izvilupp ma tista' tigi pprezentata kemm-il darba l-applikant ma jkunx talab lill-Awtorita' biex jaghmel screening tal-izvilupp propost fl-applikazzjoni tal-izvilupp. […].

(3) L-Awtorita' ghandha tinnotifika lill-applikant b' ittra ta' screening li tkun tinkludi kull wahda jew xi wahda minn dawn li gejjin: […]
(b) jekk l-izvilupp propost ikunx skond it-tipi ta' zvilupp imsemmija fis-Sitt Skeda; […]

(4) Ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 41 tal-Att, ikunu biss il-punti msemmija fis-subregolament (3)(b), (d) u (f) li ghandhom jitqiesu bhala decizjoni tal-Awtorita' u l-applikant jista' jappella minnha quddiem it-Tribunal."

L-applikazzjoni prezenti li hi regolata bil-provvedimenti tal-Avviz Legali 514 tal-2010 li jindika il-procedura li ghandha tigi adottata; cjoe' li l-ipprocessar tal-applikazzjoni irid jigu procedut bil-process ta' screening. Mhux kontestat f' dan il-kaz illi minn tali procedura hemm dritt t' appell (subincizi 3 u 4 tar-Regolament 3 tal-istess Avviz Legali, kif indikat supra). Dak jinhtieg li jigi determinat pero', hu jekk l-appel odjern hux gjustifikat jew le.

Billi is-sit mertu tal-applikazzjoni jinsab fl-ODZ, japplika l-Artikolu 70 tal-Att X tal-2010 (Kap. 504), li mieghu ghandha tinqara' s-Sitt Skeda annessa mal-istess Att. Fl-imsemija Skeda huma indikati il-kazijiet kollha fejn skond l-istess Artikolu 70, zvilupp ma jistax jigi ssanat. Fost dawn insibu kazijiet (paragrafu 1 tas-Sitt Skeda) fejn ikun qed jintalab is-sanar ta zvilupp li jeccedi il-footprint u l-volum tal-bini originarjament approvat fl-ODZ. Lanqas dan mhux qed jigi kkonstat mill-partijiet. Sahansitra giet intavolata l-applikazzjoni sanatorja, mertu tal-appell odjern.

Ezaminati fid-dettal ic-cirkostanzi partikolari ghal dan il-kaz, jirrizulta illi l-izvilupp propost u li tieghu qed jigi mitlub is-sanar, jaqa' f' din il-kategorija ta' zviluppi, imsemmija fl-ewwel artikolu tas-Sitt Skeda. Ghalhekk id-decizjoni tal-Awtorita' hi ben konformi mal-ligi, u timmerita konferma.

Ghalhekk, in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, u fuq kollox sabiex ikun konformi mal-policies tal-ippjanar vigenti, dan il-Tribunal qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma ir-rifjut ghall-Tr. No. 145732 kif mahrug mid-Direttur tal-Ippjanar, fil-15 ta' Dicembru 2011.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti:

1. L-Awtorita ma setghetx tiehu decizjoni fil-fazi ta' screening li tichad jew tirrifjuta li tipprocessa applikazzjoni ghal zvilupp semplicement ghax f'din il-fazi dehrilha li l-izvilupp jaqa' fis-sitt skeda fejn zvilupp ma jistax jigi approvat. B'tali decizjoni l-Awtorita kif konfermat mit-Tribunal, dahlet fil-mertu tal-applikazzjoni minghajr ma nghata opportunita lil applikant jikkontesta tali konkluzjoni. L-iscreening hu stadju bikri fejn l-applikazzjoni lanqas tigi meqjusa intavolata u kwindi l-Awtorita ma tistax tiddeciedi l-mertu a priori izda biss li taghti l-veduti taghha biex l-applikant ikollu l-jedd jew li jappella direttament mill-iscreening fejn l-istess regolament fl-Avviz Legali 514/2010 jippermittih jew jipprezenta l-applikazzjoni xorta wahda bi dritt ta' appell wara li l-mertu jigi kunsidrat. L-appellant izid illi t-Tribunal zbalja l-applikazzjoni tal-artikolu 70 billi dan l-artikolu ma jghidx kif qal it-Tribunal li jistghu jigu processati applikazzjonijiiet ta' sanar hlief dawk li jaqghu taht is-Sitt Skeda.

L-iter ta' din il-kwistjoni hu marbut ma' dak li jipprovdi l-Avviz Legali 514/2010 mahrug in forza tal-ligi principali cioe l-Kap. 504.

L-artikolu 3(1) tal-istess Avviz Legali jaghmilha tassativa li ebda applikazzjoni ta' zvilupp ma tista' tigi prezentata jekk qabel ma jkunx intalab mill-applikant prospettiv li

jsir screening tal-izvilupp propost fl-applikazzjoni. Il-ligi tkompli li dan l-iscreening irid isir entro terminu.

L-artikolu 3(3) ighid illi l-Awtorita trid tinnotifika lil applikant b'ittra ta' screening b'wahda jew aktar mill-punti msemmija fl-istess subartikolu fosthom il-klassifikazzjoni, konsultazzjonijiet, sottomissjonijiet ulterjuri, hlasijiet jew kontribuzjonijiet qabel tigi prezentata applikazzjoni, data meta ghandha tigi prezentata applikazzjoni.

L-artikolu 3(4) li hu dak relevanti ghal kwistjoni odjerna jghid illi ghal finijiet tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 41 tal-Att (cioe dak li jistabillixi l-funzjonijiet u proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar wara decizjoni tal-Awtorita) il-punti msemmija f'paragrafi (b), (d) u (f) tal-artikolu 3(3) jitqiesu bhala decizjoni tal-Awtorita u l-applikant jista' jappella minnha quddiem it-Tribunal.

Il-Qorti tqis illi l-kliem tal-ligi hu car u screening letter mibghuta mill-Awtorita kontenenti xi wahda jew aktar mill-punti fil-paragrafi (b), (d) u (f) tikkostitwixxi decizjoni tal-Awtorita bid-dritt ta' appell skond il-ligi bhal kull decizjoni ohra tal-Awtorita.

Dak li jikkoncerna din il-Qorti hu l-paragrafu (b) tal-artikolu 3(3) billi fl-iscreening letter mibghuta lil applikant fil-15 ta' Dicembru 2011 hu gie mgharref li l-izvilupp propost jaqa' fis-Sitt Skeda tal-Kap. 504 u skond l-artikolu 70 tal-Kap. 504 ebda permess ma jista' jinhareg koncernanti tali zvilupp.

L-appellant jikkontendi illi din id-decizjoni hi zbaljata ghax l-Awtorita ma ghandhiex id-dritt li tieqaf milli tipprocessa applikazzjoni xorta wahda u illi l-artikolu 70 tal-Kap. 504 gie applikat hazin. Il-kwistjoni tikkomplika ruhha billi fl-appell quddiem it-Tribunal l-Awtorita fir-risposta taghha taghti x'tifhem illi qed taqbel mal-appellant fl-aggravju ghalkemm quddiem din il-Qorti r-risposta tal-appell tal-Awtorita terga tmur lura ghal pozizzjoni originali li d-decizjoni tal-Awtorita kienet gusta u kwindi la darba gie dikjarat mill-Awtorita li l-izvilupp jaqa' fis-Sitt Skeda, ebda applikazzjoni ma kienet ser tigi kunsidrata.

Tajjeb f'dan l-istadju jigi precizat li l-appell quddiem it-Tribunal u quddiem din il-Qorti qatt ma kien dwar il-kwistjoni jekk l-izvilupp jaqax fis-Sitt Skeda jew le izda jekk tali decizjoni fl-iscreening letter kinitx tipprekludi lil applikant milli jressaq applikazzjoni. L-iscreening letter dan ivvjetatu billi ma giex moghti terminu biex issir applikazzjoni u hlas ta' mizata skond it-tip ta' zvilupp izda biss dritt ta' appell mid-decizjoni ta' rifjut. Il-kliem preciz uzat fl-iscreening letter hu s-segwenti:

> Please note that the proposed development falls within the development referred to in the Sixth Schedule of the Act since it includes sanctioning of the type of development listed therein. In terms of Article 70 of the Act, it is not permitted to grant permission to retain on land any buildings or works constructed or carried out thereon, or for the continuance of any use of land. Consequently, your submission is being rejected in terms of sub-regulations 3(3) and 3(4) of the Legal Notice.
>
> This screening letter is being issued in terms of the Development Planning (Procedures for Applications and their Determination) Regulations, 2010, and all the provisions contained therein shall apply. However, please note that the planning and environmental merits of your submission have not been assessed.

L-artikolu 70(1) tal-Kap. 504 ighid kif gej:

> F'kull kaz li l-Awtorita ghandha s-setgha taht dan l-Att li taghti permess biex art tigi zviluppata, ghajr fil-kaz ta' zvilupp elenkati fis-Sitt Skeda, l-Awtorita tista' taghti li jinghata permess biex jinzammu fuq art bini jew xogholijiet ohra mibnija jew maghmula fuqha, jew biex jitkompla kull uzu ta' art, li jkun sar minghajr permess taht dan l-Att jew wara li dak il-permess ikun spicca milli jkun validu jew operattiv, u riferenzi f'dan l-Att ghal permess biex jizviluppaw l-art jew iwettaq kull zvilupp fuq l-art , u ghall-applikazzjonijiet ghal permess bhal dawn, ghandhom ikunu interpretati skont hekk:
> Izda m'ghandhiex tigi accettata u pprocessata applikazzjoni jew m'ghandux jinghata permess taht dan is-subartikolu hlief jekk min japplika jew il-predecessur tieghu fit-titolu ma jkunx:
> (a) minnufih li jkun gie mehtieg li jaghmel hekk, waqaf milli jkompli xoghol li jkun gie mehtieg li jwaqqaf; u
> (b) hallas dawk il-multi jew ghamel dak il-hlas iehor li jkunu dovuti fuq is-sit mertu tal-applikazzjoni.

Hu dan l-artikolu li fil-fehma tal-Qorti gie applikat hazin mit-Tribunal billi flok ezamina l-aggravju fil-kuntest li fih sar qabad u ggustifika r-rifjut tal-ipprocessar tal-applikazjoni fuq il-mertu. Fil-fatt it-Tribunal ighid hekk:

> Billi is-sit mertu tal-applikazzjoni jinsab fl-ODZ, japplika l-Artikolu 70 tal-Att X tal-2010 (Kap. 504), li mieghu ghandha tinqara' s-Sitt Skeda annessa mal-istess Att. Fl-imsemija Skeda huma indikati il-kazijiet kollha fejn skond l-istess Artikolu 70, zvilupp ma jistax jigi ssanat. Fost dawn insibu kazijiet

> (paragrafu 1 tas-Sitt Skeda) fejn ikun qed jintalab is-sanar ta zvilupp li jeccedi il-footprint u l-volum tal-bini originarjament approvat fl-ODZ. Lanqas dan mhux qed jigi kkontestat mill-partijiet. Sahansitra giet intavolata l-applikazzjoni sanatorja, mertu tal-appell odjern.

Il-kwistjoni ma kinitx jekk fil-fatt l-izvilupp kienx gustifikat jew le izda jekk fil-fazi inizjali ta' screening l-Awtorita kellhiex is-setgha li twaqqaf milli ssir applikazzjoni ghax hi kienet tal-fehma li l-izvilupp ma kienx sanabbli.

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-artikolu 70(1) ma jitkellimx fuq l-istadju ta' qabel l-accettazzjoni u l-ipprocessar ta' applikazzjoni izda fuq is-setgha supplementari fejn ghandha s-setgha li taghti permessi skond il-ligi hlief fejn jirrigwarda zvilupp fis-Sitt Skeda tal-Awtorita, li thalli bini jew xogholijiet jew uzu ta' art li jkun sar bla permess anki wara li l-permess ikun spicca li jkun validu jew operattiv. Hu biss fil-proviso tal-imsemmi artikolu li jissemmew zewg cirkostanzi fejn l-Awtorita ma tistax tipprocessa jew taccetta applikazzjoni cioe fejn l-applikant li jkun mehtieg li jaghmel hekk jonqos milli jieqaf bix-xoghol; u ma jkunx hallas il-multa jew hlasijiet ohra dovuti fuq is-sit mertu tal-applikazzjoni.

Ic-cirkostanzi dwar meta l-Awtorita tista' tirrifjuta li taccetta jew tipprocessa applikazzjoni huma cari fil-proviso u mhux mertu ta' dan ir-rifjut. F'kull kaz iehor ghalhekk l-Awtorita ma ghandhiex il-jedd li tirrifjuta li ssir u tipprocessa applikazzjoni, u jkun f'dan il-waqt illi l-artikolu 70, ghall-finijiet hemm elenkati, li l-Awtorita ma ghandhiex dritt tohrog permess jekk l-izvilupp jaqa' fis-Sitt Skeda.

Il-fatt illi r-regolament jaghti d-dritt ta' appell lil applikant mill-iscreening letter a bazi ta' punti (b), (d) u (f) f'regolament 3(3) fosthom ghax l-Awtorita tkun dikjarat li l-izvilupp jaqa' fis-Sitt Skeda, ma jfissirx b'daqshekk li l-Awtorita ghandha d-dritt li taghlaq il-bieb ghal applikant li jinsisti b'applikazzjoni regolari. L-iscreening hu indikazzjoni ta' dak li ghandu jistenna applikant jekk jippersisti b'applikazzjoni u appell fic-cirkostanzi specifikament imsemmija fil-ligi qabel l-istadju tal-prezentata jew processar ta' applikazzjoni hi xelta moghtija lil applikant li ghandu dritt jaghzel li l-kwistjoni jistronkaha f'dan l-istadju permezz ta' appell specifiku fuq il-punt deciz, jew altrimenti jippersisti bl-applikazzjoni u jipprocedi b'appell wara decizjoni finali fejn

allura l-applikant ikun gia pprezenta l-provi kollha in sostenn tal-applikazzjoni mehuda b'mod holistiku.

It-Tribunal qies, fil-fehma tal-Qorti, b'mod zbaljat, illi l-artikolu 70 tal-Kap. 504 jaghti dritt ulterjuri lil Awtorita li jistronka applikazzjoni fil-fazi ta' screening meta dan ma jirrizultax mill-istess artikolu u lanqas ma jista' jigi dezunt mill-Avviz Legali 514/2010. Tant hu hekk illi anki harsa lejn l-istess subincizi tal-artikolu 3(3) fejn hemm dritt ta' appell, is-subinciz 3(3)(f) jaghti lok ghal appell anki meta l-applikant ma jkunx qabel ma hlasijiet jew kontribuzjonijiet matul l-ipprocessar tal-applikazzjoni.

Jidher li din hi l-manjiera kif ghandhom jigu applikati l-provedimenti rilevanti u ghalhekk jidher li l-appell tal-appellant hu gustifikat.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' Mary Psaila, tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-15 ta' Ottubru 2013, u terga tirrinvija l-atti quddiem it-Tribunal biex jerga jisma' l-appell u jiddeciedi a bazi ta' dak deciz f'din is-sentenza. Spejjez ghall-Awtorita.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------